# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Avviż Numru: 8/2016 PC**

**Tabone Computer Centre Limited (C12340)**

**vs**

**Justin Andrew Buttiġieġ;**
**Emanuel Buttiġieġ; u**
**Jane Buttiġieġ**

***sentenza in parte***

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Jannar 2019**

Il-Qorti,

Rat l-Avviz li permezz tiegħu, s-soċjeta' attriċi talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' sitt t'elef mija u disgħin ewro (€6190) bilanċ dovut lill-mittenti rappreżentanti kreditu għall-provisti ta' merkanzija lilkom mibjugħa u konsenjata flimkien mas-somma ta' elf sitt mija u dsatax-il ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€1619.46ċ) rappreżentanti interessi legali kummerċjali fuq l-imsemmi ammont sad-data li fiha ġiet ippreżentata l-Ittra Uffiċċjali numru 871/2016 kif ukoll l-ispejjeż kollha inkorsi mar-rikorrenti inkluż dawk ta' l-istess Ittra Uffiċċjali kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru numru 1019/2016.

Rat ir-Risposta tal-konvenuti Emanuel u Jane konjuġi Buttiġieġ li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi l-esponenti m'humiex leġittimi kuntradittur f'din il-kawża in kwantu huma qatt ma xtraw xejn mingħand is-soċjeta' attriċi, u huma m'għandhom l-ebda rapport ġuridiku magħha. Għaldaqstant, filwaqt li qed jiċħdu t-talbiet, kif dedotti kontra tagħhom, bħala nfondati fid-dritt u fil-fatt, huma qed iżommu lis-soċjeta' rikorrenti wkoll responsabbli għal kwalunkwe danni li jistgħu jsofru per konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru kontra tagħha, in konnessjoni ma' din l-istess kawża;

2. Illi peress li huma m'humiex edotti mill-fatti ta' din il-kawża, fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti qed jirriservaw id-dritt li jikkontestaw kwalunkwe aspett jew ammont tat-talba magħmula f'din il-kawża, skont ma jirriżulta mis-smiegħ tal-provi fil-kawża;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-Risposta tal-konvenut Justin Buttiġieġ li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet tas-soċjeta attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan hekk kif ser jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Salve eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Diċembru 2017 fejn awtorizzat lill-konvenut Justin Buttiġieġ sabiex iressaq eċċezzjoni ulterjuri.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijet ulterjuri tal-istess Justin Buttiġieġ fejn eċċepixxa l-preskrizzjoni ta' tminax-il xahar a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2018 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar din il-eċċezzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u dokumenti esebiti.

Rat ukoll l-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1091/2016 u dawk tal-Avviż numru 124/2016, t-tnejn fl-istess ismijiet u ntavolati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), li ġew allegati b'digriet tas-17 ta' Marzu 2017.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jirreklama mingħand il-konvenuti l-ħlas ta' kreditu allegatament dovut għall-provvista ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata lill-konvenuti flimkien mal-imgħaxijiet relattivi. Bl-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu, l-konvenut Justin Buttiġieġ qajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jipprovdi li:

"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:

...(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;"

Iżda mbagħad b'emendi introdotti bl-Att VIII tal-2017, nsibu fl-artikolu 2160 tal-Kap. 16 li:

"(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa."

Fil-każ in eżami ma jirriżulta mkien mill-atti ta' din il-kawża, jew mill-atti l-oħra allegati, li l-konvenut Justin Buttiġieġ għadu xehed u wisq inqas li ħa xi ġurament fis-sens indikat fl-artikolu 2160 hawn fuq ċitat.

Għalhekk l-eċċezzjoni ulterjuri tiegħu tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2148(b) ma tistax tiġi milqugħa, ġialadarba din hija waħda mill-preskrizzjonijiet indikati fl-artikolu 2160, li allura biex jirnexxu jirrikjedu lil min iqajjimhom minn jeddu jiddikjara bil-ġurament tiegħu li mhuwiex debitu jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.

Għaldaqstant, filwaqt illi tiddeċidi dwar din l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut Justin Buttiġieġ billi tiċħadha, tħalli l-kawża għall-kontinwazzjoni fuq il-bqija tal-mertu.

L-ispejjez jibqgħu riservati.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

15.01.2019 – Avv8.2016 – Tabone Computer Centre Limited vs Buttiġieġ Justin Andrew
617